# ID-DAWL

OTTUBRU 2020 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 34

"Ħalqilkom nisa għalikom minnkom infuskom, biex issibu hena magħhom, u għamel l-imħabba u l-ħniena bejnietkom."



Li Taġixxi mill-Qalb | Il-Vjolenza Domestika | Il-Ġentilezza mal-Annimali | Il-Ġenerożità

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# LI TAĠIXXI MILL-QALB

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-pandemija tal-Covid-19 biddlet id-dinja kollha b'mod bla preċedent, u ħalliet għeliem irreversibbli fuq il-memorja umana. Il-bnedmin għaddew minn ħafna esperjenzi kemm sbieħ kif ukoll koroh. Kienet ukoll il-kaġun ta' żieda f'daqqa fil-każijiet ta' abbuż domestiku fuq in-nisa. L-Iżlam dejjem wissa lill-Musulmani biex jittrattaw lin-nisa tagħhom bl-aħjar mod possibbli.

Fil-kuntest tat-trattament xieraq tan-nisa, il-Messija Mwiegħed[as] qal: "Bl-eċċezzjoni tal-indiċenza, intom għandkom tissaportu n-nuqqasijiet kollha l-oħra u l-imġiba żorra tan-nisa tagħkom."

Imbagħad, il-Messija Mwiegħed[as] qal: "Insib li hi sitwazzjoni assolutament ta' għajb għal raġel li jkun miġġieled ma' mara. Alla ħalaqna rġiel, u fil-verità, dan hu t-tisħiħ tal-favur Tiegħu lejna. Il-gratitudni li għandna nuru għal dan huwa li nittrattaw in-nisa b'ġentilezza u b'għożża." (*Malfużat* vol. 2, p.178-179)

**ID-DAWL**

Ottubru 2020 – Numru 34 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

**INDEX**

| | |
|---|---|
| To consort in kindness | 02 |
| Prayers | 03 |
| Domestic violence & Islam | 04 |
| Kindness to animals | 06 |
| Generosity | 08 |

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
Qoxra: Vasin Lee | Shutterstock

# IT-TALB: L-AKTAR ARMA B'SAĦĦITHA

**Nauman Atif**

It-talb huwa l-aktar arma b'saħħitha fid-dinja. Fil-Koran Imqaddes, hemm ħafna enfasi dwar l-importanza u s-sinifikat tat-talb. Tassew, il-Koran Imqaddes jafferma li l-għan ewlieni tal-ħolqien tal-bniedem huwa *ibadat* jew il-qima ta' Alla.

Il-kuntentizza u s-suċċess huma ħafna drabi mfissra f'termini materjalistiċi jew dinjija, bħal pereżempju, billi jkollok xogħol li jrendi ħafna flus, billi jkollok aktar lawrji, jew li jkollok dar jew karozza. Għal ħafna nies madwarna, l-ebda waħda minn dawn l-akkwisti materjali mhi neċessarjament riżultat tat-talb. Staqsi lil ħafna mill-ħbieb u kollegi tiegħek, u l-maġġoranza se jgħidu mal-ewwel "bit-tħabrik", "xogħol iebes" jew sempliċement "fortuna" bħala s-sors tal-kuntentizza u l-fortuna tagħhom, u mhux it-talb.

Il-fundatur tagħna, li aħna nemmnu li huwa l-Messija u r-Riformatur tal-Iżlam, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], assuma r-responsabbiltà enormi li jiddefendi l-kunċett tat-talb mill-kritika. Huwa reġa' introduċa lill-Musulmani ma' Alla ħaj u ma' fidi ħajja billi wera l-qawwa razzjonali wara l-kunċett tat-talb. Huwa fisser l-importanza u l-forza tat-talb li permezz tiegħu seħħet rivoluzzjoni massiva fid-deżert tal-Arabja meta għexieren ta' eluf ta' persuni mejta spiritwalment reġgħu ħadu l-ħajja, u dawk li kienu għomja reġgħu bdew jaraw. Dan seħħ bis-saħħa tat-talb tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**Bit-talb, l-impossibbli jsir possibbli.**
**Ja filosfi tiegħi, ixhdu l-qawwa tat-talb.**

# IL-VJOLENZA DOMESTIKA U L-IŻLAM

**Dr Sana Mubashir**

Hemm nies madwar id-dinja li kienu magħluqin ġewwa ħafna qabel il-Covid-19. Huma fir-realtà l-vittmi vulnerabbli tal-abbuż domestiku fis-soċjetà tagħna. Studji globali mill-WHO juru li madwar 1 fi 3 nisa jesperjenzaw il-vjolenza domestika. In-nisa inġenerali ma jissograwx jikxfu din il-vjolenza meta fil-fatt dawn l-atti għandhom jiġu rrapportati lill-awtoritajiet konċernati.

Minkejja li jkun hemm il-liġijiet apposta, in-nies xorta jibqgħu jsofru mill-abbuż domestiku u l-maġġoranza tagħhom huma nisa. Esperti Amerikani fl-istress trawmatiku kkonkludew li l-biċċa l-kbira tal-aggressuri fiżiċi huma rġiel.

Għadd ta' riċerki juru li l-problemi finanzjarji, ix-xorb, ir-rabja, l-użu ta' sustanzi illeċiti u kundizzjonijiet psikoloġiċi huma l-akbar kawżi tal-vjolenza. Minħabba l-pandemija attwali, kien hemm żieda fl-inċidenti tal-abbuż domestiku.


Bbearlyam | Shutterstock

Relazzjonijiet b'saħħithom u sinċiera msejsa fuq l-imħabba u l-mogħdrija bejn il-koppji jistgħu jgħinu biex titnaqqas din il-pjaga. Il-koppji għandu jkollhom diskussjonijiet kostruttivi fejn jiġu mgħarbla s-soluzzjonijiet. Il-Koran Imqaddes jafferma ċar u tond li r-relazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa għandha tkun waħda mibnija fuq il-ġenerożità, ir-rispett reċiproku u l-imħabba (30:22). Barra minn hekk, l-irġiel u n-nisa għandhom ikunu ħbieb li jipproteġu lil xulxin (9:71).

**"U fost is-sinjali Tiegħu (issibu) li ħalqilkom nisa għalikom minnkom infuskom, biex issibu hena magħhom, u għamel l-imħabba u l-ħniena bejnietkom. (30:22)"**

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien mudell eżemplari bħala raġel perfett, li qatt ma talab lil ħadd biex jaqdih u kien jipparteċipa b'entużjażmu fil-faċendi tad-dar u fit-trobbija tat-tfal. Huwa dejjem mexxa bl-eżempju.

In-nisa ngħataw id-drittijiet fl-Iżlam 1400 sena ilu. In-nisa mhumiex sfurzati biex ikollhom relazzjoni fl-Iżlam. Fil-fatt hija l-ewwel reliġjon li tat id-dritt lin-nisa biex jiddivorzjaw unilateralment, jekk ikun hemm il-ħtieġa. L-Iżlam jagħmel enfasi fuq l-edukazzjoni tal-komunitajiet minn perspettiva reliġjuża u psikoloġika għall-ħolqien ta' ambjenti siguri. Terapiji dwar l-imġiba, għajnuna soċjali u sapport ieħor psikoloġiku għandhom jittieħdu meta jkun hemm bżonn.

Barra minn hekk, hemm rabta ċara bejn l-użu tas-sustanzi u ż-żieda fil-vjolenza domestika. Il-Koran Imqaddes iħeġġeġ biex wieħed jevita dawn l-għemejjel biex ikollu suċċess (5:91-92). Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien jirreferi għax-xorb bħala l-omm tal-ħażen kollu. L-Iżlam iżomm lir-raġel responsabbli għas-sapport u l-protezzjoni tan-nisa u għalhekk jenfasizza l-punt li wieħed għandu jħares u jissapportja u mhux ikażbar id-drittijiet tagħhom.

F'dinja ideali, il-vjolenza domestika m'għandhiex teżisti u dawk li qed isofru għandhom dejjem jirrapportaw u mhux jagħżlu li jsofru fis-silenzju. Għaldaqstant, għandu jsir sforz minn kulħadd biex insolvu kwistjonijiet li huma relatati mal-vjolenza qabel din ma tkompli tinfirex.

# IL-ĠENTILEZZA MAL-ANNIMALI

**Rauf Babar Khan**

L-Iżlam jitlobna biex inkunu umani u ċivilizzati mal-bnedmin u l-kreaturi kollha li niltaqgħu magħhom. Huwa jfakkarna li aħna responsabbli ta' dak kollu li jinsab madwarna kemm jekk ikunu l-familji tagħna, iċ-ċirku soċjali jew kull kreatura ta' Alla Omnipotenti. L-Iżlam iħeġġiġna wkoll biex nuru ħniena u kompassjoni mal-annimali. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **M'hemmx annimal li jitkaxkar fl-art, jew għasfur li jtir fuq ġwinħajh, iżda komunitajiet bħal tagħkom.** (06:39)

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien ġentili ħafna mal-annimali. Huwa qal lis-segwaċi tiegħu li għandhom ikunu ġentili mal-annimali għax dawn ħajjin u huma ħolqien ta' Alla. Huwa kien jirrakkonta l-istorja ta' waħda mara li sabet kelb mejjet bil-għatx ħdejn bir fond. Hija neżgħet żarbuna, niżżlitha fil-bir u tellgħet ftit ilma. Hija tat l-ilma lill-kelb bil-għatx ħalli jixrob. Dan l-att ġeneruż wassal biex Alla ħafrilha d-dnubiet preċedenti tagħha.

Darba, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal, "Mara marret l-Infern għax rabtet qattusa, u ma tathiex tiekol u lanqas ħallitha biex tiekol mid-dud tal-art, sakemm mietet." (*Ibne Majah*)

Jingħad minn Ħażrat Abdullah bin Jafar[ra] li darba l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ħadu miegħu fi ġnien ta' Ansari. Meta lemaħ lill-Qaddis Profeta[sa], ġemel li kien fil-ġnien beda jnewwaħ, u beda nieżel id-dmugħ minn għajnejh. Il-Qaddis Profeta[sa] resaq viċin u mellislu wiċċu b'idu. Il-ġemel ikkwieta u sar trankwill.




Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] staqsa, "Ta' min hu dan il-ġemel?"

Wieħed Ansari żagħżugħ resaq 'il quddiem u wieġeb li kien tiegħu.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal li wieħed għandu jibża' minn Alla meta jiġi biex jittratta mal-annimali tiegħu. "Ilmenta miegħi li inti ma titimgħux sewwa u tjassru bix-xogħol."

Dawn it-Tradizzjonijiet juru l-kompassjoni li l-maħbub tagħna l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kellu f'qalbu għall-annimali, u kif għandna nieħdu ħsiebhom. Dan hu tagħlim ukoll għalina li nżommu l-annimali fid-djar tagħna.

# IL-ĠENEROŻITÀ


Addkm | Shutterstock

Hemm żewġ għanijiet ewlenin ta' reliġjon u fidi. Wieħed huwa li taqdi l-obbligazzjonijiet ta' Alla Omnipotenti u l-ieħor huwa li taqdi l-obbligazzjonijiet tal-bnedmin ta' madwarek.

L-imġiba tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kienet f'konformità sħiħa mal-kmandamenti tal-Koran Imqaddes. Il-karattru nobbli tiegħu kien jirrifletti perfettament it-tagħlim Koraniku.

Huwa tana għadd kbir ta' eżempji eċċellenti dwar kif tonfoq kif jixtieq Alla. Huwa dejjem kien pront biex jissagrifika dak kollu li kellu għall-qadi tal-umanità. Il-ġenerożità tiegħu ma kellhiex paragun.

Darba l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] xtaq li mogħża tinqatel u qassam laħamha mal-fqar. Wara staqsa jekk kienx baqa' aktar laħam. Martu weġbitu li l-laħam kollu kien tqassam; ħarira żgħira kien baqa' għalihom.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal, "Kulma tqassam huwa salvat (jiġifieri l-premju tiegħu huwa assigurat) u kulma fadal, qisuh bħala moħli."[(i)]

---

(i) *Muhammad[sa] the Perfect Man* p. 458-459



amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**